



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2018
COM(2018) 637 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Għal kisba ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti

*Kontribuzzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fil-laqgħa tal-Mexxejja f'Salzburg fid-19 u fl-20
ta' Settembru 2018*

Għal kisba ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti

Mument kruċjali għall-ġejjieni tal-Unjoni Ewropea

L-essenza tal-Unjoni Ewropea hija d-difiża tagħha tad-demokrazija u tal-valuri demokratiċi. Dawn huma indispensabbli għal soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu u t-tolleranza, u fejn iċ-ċittadini Ewropej jistgħu jivvutaw u jħossuhom sikuri li mhux qegħdin jiġu mqarrqa. Flimkien mal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, id-demokrazija hija parti minn “min aħna” u tiddefinixxi l-Unjoni tagħna.

L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju 2019 se jsiru f'kundest differenti ħafna meta mqabbla mal-elezzjonijiet preċedenti l-oħra. L-isfidi politiċi għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha huma kbar. Hemm hteġġa ċara biex tissawwar Unjoni aktar robusta li tista' taġixxi bi kredibilità u saħħa f'dinja fejn poteri globali li mhux bilfors jaqsmu l-interessi jew il-valuri tagħna qed jikkompetu għall-poter. Unjoni b'saħħitha mibnija fuq kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva, skambju ta' informazzjoni biex tindirizza t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, u Suq Intern li jaħdem bla xkiel kollha jeħtieġu l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, u fis-sistemi demokratiċi tagħna. B'dan l-isfond uniku, l-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju 2016 ser isawru l-futur tal-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin.

L-iżgurar tar-reżiljenza tas-sistemi demokratiċi tal-Unjoni hija parti mill-Unjoni tas-Sigurtà: l-attakki fuq l-infrastruttura elettoralu u s-sistemi ta' informazzjoni tal-kampanji huma theddid ibridu li jrid jiġi indirizzat mill-Unjoni. Kampanji onlajn ta' diżinformazzjoni tal-massa li jkollhom motiv politiku, inkluż minn pajjiżi terzi, bl-għan speċifiku li jnaqqsu l-kredibilità u l-leġittimità tal-elezzjonijiet, ġew rikonoxxuti bħala theddidiet dejjem jikbru għad-demokraziji tagħna¹. L-Unjoni Ewropea għandha tiegħu l-azzjonijiet kollha fi ħdan is-setgħat tagħha biex tiddefendi l-proċessi demokratiċi kontra l-manipulazzjoni minn pajjiżi terzi jew interessi privati. Il-perjodi tal-elezzjonijiet urew li huma perjodi partikolarment suxxettibbli għal diżinformazzjoni mmirata. Dawn l-attakki jaffettwaw l-integrità u l-imparzjalità tal-proċess elettoralu u l-fiduċja taċ-ċittadini fir-rappreżentanti eletti u għalhekk huma sfida għad-demokrazija nnifisha.

Iċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu jistgħu jivvutaw filwaqt li jifhmu bis-siġħ l-għażliet politiċi li għandhom. Dan jinvolvi aktar għarfien tat-theddidiet u aktar trasparenza fil-proċess politiku tagħna. Sfera pubblika miftuħa, li taf li hija protetta minn influwenza mhux xierqa, tiżgura kundizzjonijiet ekwi għal kampanja politika u proċessi elettoralu li l-pubblika jista' jafda fihom². Huwa essenzjali għad-demokraziji tagħna li jagħtu spazju għal kampanja politika vitali li tagħti lill-votanti stampa ċara u ġusta tal-ideat u l-programmi tal-partijiet li qegħdin jikkompetu bejniethom għall-vot tagħhom. Għalhekk il-frodi u tentattivi deliberati

¹ Ara l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, Increasing resilience and bolstering capabilities to address hybrid threats, JOIN(2018) 16 final u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018, (<http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2018/06/29/20180628-euco-conclusions-final/pdf>).

² Il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa tippovdi gwida dwar l-elezzjonijiet ([http://www.venice.coe.int/webforms/documents/default.aspx?pdffile=CDL-AD\(2002\)023rev-e](http://www.venice.coe.int/webforms/documents/default.aspx?pdffile=CDL-AD(2002)023rev-e)), anke għall-qasam tal-midja ([http://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-PI\(2016\)006-e](http://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-PI(2016)006-e)).

oħra ta' manipulazzjoni tal-elezzjonijiet għandhom jiġu miġġielda b'mod attiv, anke permezz ta' sanzjonijiet.

L-attivitajiet onlajn, inkluż matul il-proċessi elettorali, qegħdin jiżviluppaw b'rata mgħaġġla, u b'hekk huwa essenzjali li jkun hemm aktar sigurtà u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-qasam tal-politika. Is-salvagwardji elettorali tradizzjonali ("offline"), bħar-regoli applikabbli għal komunikazzjonijiet politiċi matul il-perjodi tal-elezzjonijiet, it-trasparenza tal-infiq elettorali u l-limiti fuqu, il-ħarsien tal-perjodi ta' silenzju u t-trattament indaqs tal-kandidati jenħtieġ li japplikaw onlajn ukoll³. It-trasparenza dwar ir-riklami politiċi fuq it-TV jew posters u l-limiti fuqhom, u t-trasparenza tar-riklami politiċi jenħtieġ li japplikaw ukoll fid-dinja onlajn. Dan mhuwiex il-każ bħalissa, u jrid jiġi indirizzat qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss.

Sfidi ġodda u żviluppi reċenti

Filwaqt li l-komunikazzjoni onlajn naqqset l-ostakli u l-ispejjeż għall-atturi politiċi biex jinteraġixxu maċ-ċittadini u toffri opportunitajiet kbar, fl-istess ħin żiedet il-possibiltajiet għal atturi malizzjużi biex jikkonċentraw fuq id-dibattitu demokratiku u fuq il-proċessi elettorali. Permezz tal-ambjent onlajn l-atturi jistgħu jippreżentaw informazzjoni b'mod aktar faċli filwaqt li jaħbu l-orijini jew l-iskop tagħha, anke b'nuqqas ta' trasparenza għall-fatt li komunikazzjoni (bħal post tal-midja soċjali) tkun reklamar bi ħlas u mhux rapportar fattwali, jippreżentaw opinjoni bħala ġurnaliżmu, u jippreżentaw rapportar b'mod selettiv biex isaħħnu l-qiegħa jew jippolarizzaw id-dibattitu. Ħadd ma għandu jkollu xi illużjonijiet dwar dawn it-theddiet; l-Unjoni Ewropea u s-sistemi politiċi tagħha mhumiex immuni għal theddidiet bħal dawn.

Barra minn hekk, l-integrità tal-elezzjonijiet tista' tiġi affettwata serjament minn inċidenti ċibernetiċi "tradizzjonali", inkluż attacki ċibernetiċi li jimmiraw lejn il-proċessi elettorali, il-kampanji, l-infrastruttura tal-partit politiku, il-kandidati jew is-sistemi tal-awtoritajiet pubbliċi u bl-użu ħażin tad-*data* personali. Ir-rivelazzjonijiet reċenti, anke dawk madwar il-każ "Facebook/Cambridge Analytica", huma eżempju ta' dan. Huwa maħsub li d-*data* personali ntużat ħażin u nġhatat illegalment lil partijiet terzi għal diversi użi differenti ħafna minn dawk maħsuba oriġinarjament. Dan enfasizza r-riskji potenzjali ta' ċerti attivitajiet onlajn li qegħdin jintużaw biex iċ-ċittadini jaslulhom bil-moħbi riklami u komunikazzjonijiet politiċi, biex id-*data* personali tagħhom tiġi abbużata u pproċessata illegalment għall-manipulazzjoni tal-

³ Ara l-pubblikazzjoni reċenti tal-Kunsill tal-Ewropa "Internet and electoral campaigns – Study on the use of internet in electoral campaigns" ippreparata mill-kumitat tal-esperti dwar il-pluraliżmu tal-midja u t-trasparenza fis-sjieda tal-midja (MSI-MED) tal-Kunsill tal-Ewropa (<https://www.coe.int/en/web/human-rights-rule-of-law/-/internet-and-electoral-campaigns-a-new-study-has-been-published>). L-istudju jeżamina l-implikazzjonijiet tat-tranżizzjoni tar-reklamar elettorali lejn l-internet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-infiq elettorali u t-tekniki tar-reklamar ibbażati fuq il-micro targeting tal-votanti b'messaġġi personali. Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2016)5 dwar il-libertà tal-Internet, li tirreferi għar-responsabbiltajiet tal-gvernijiet, il-pjattaformi u l-intermedjarji għal kampanji politiċi li jsiru onlajn mill-partiti politiċi, mill-kandidati u minn individwi oħra.

opinjoni, tixtrid ta' diżinformazzjoni jew sempliċement tiġi affettwata l-verità kif jaqbel għall-għanijiet politiċi jew biex tkompli tikber id-divergenza⁴.

Nappoġġaw elezzjonijiet liberi u ġusti fl-Ewropa

L-istituzzjonijiet Ewropej ma jmexxux l-elezzjonijiet. It-tmexxija f'dan il-kuntest tibqa' primarjament responsabbiltà tal-Istati Membri. L-Istati Membri huma responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet u għall-monitoraġġ tat-twettiq tal-proċess elettorali⁵. Madankollu, hemm element Ewropew ċar. Bil-preżentazzjoni ta' kandidati għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, il-partiti politiċi nazzjonali u reġjonali huma l-atturi primarji fil-kampanji elettorali Ewropej. Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet assoċjati tagħhom għandhom funzjoni importanti fl-organizzazzjoni ta' kampanji kumplementari fuq livell Ewropew, inkluż kampanji għall-kandidati ewlenin għar-rwol ta' President tal-Kummissjoni Ewropea.

Wara l-elezzjonijiet tal-2014 għall-Parlament Ewropew, fir-rapport ta' wara l-elezzjonijiet tagħha tal-2015⁶ il-Kummissjoni wiegħdet li tidentifika modi kif issaħħaħ id-dimensjoni Ewropea u l-leġittimità demokratika tal-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni, u biex tkompli teżamina, u tfitteż li tindirizza, ir-raġunijiet għar-rata persistentement baxxa ta' votanti f'xi Stati Membri. Fi Frar 2018, il-Kummissjoni sejħiet għal impenn bikri u kontinwu maċ-ċittadini fid-dibattiti dwar kwistjonijiet Ewropej, bidu aktar bikri għall-kampanji tal-partiti politiċi għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, inkluż daww tal-kandidati tagħhom għall-President tal-Kummissjoni Ewropea, aktar trasparenza dwar ir-rabtiet bejn il-partiti politiċi nazzjonali u Ewropej u l-promozzjoni mill-Istati Membri tad-dritt għall-vot, b'mod partikolari għal gruppi sottorappreżentati.

L-Unjoni Ewropea diġà ħadet ukoll xi passi importanti biex tibni reżiljenza demokratika fl-Ewropa, inkluż bil-qafas il-ġdid Ewropew għall-protezzjoni tad-*data* fis-seħħ minn Mejju ta' din is-sena. Dan ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, li sar direttament applikabbli madwar l-Unjoni Ewropea, jipprovdi l-għodod meħtieġa biex jiġu indirizzati eżempji ta' użu illegali ta' *data* personali fil-kuntest elettorali. Għaddejja wkoll ħidma biex

⁴ Ara r-rapport interim ippubblikat mill-awtorità għall-Protezzjoni tad-*Data* tar-Renju Unit (ICO) wara t-tneġġija ta' investigazzjoni formali fl-użu tal-analitika tad-*data* għal għanijiet politiċi wara li saru allegazzjonijiet dwar l-ipproċessar illegali tad-*data* u l-micro targeting tar-riklami politiċi waqt ir-Referendum tal-UE (<https://ico.org.uk/media/action-veve-taken/2259371/investigation-into-data-analytics-for-political-purposes-update.pdf>). Ir-rapport jenfasizza li “*l-iżviluppi rapidi soċjali u teknoloġiċi fl-użu tal-big data jfissru li hemm għarfien limitat dwar - jew trasparenza fi - it-tekniki tal-ipproċessar tad-*data* ta' wara l-kwinti (inkluż algoritmi, analiżi, tqabbil tad-*data* u tfassil ta' profil) li qegħdin jintużaw mill-organizzazzjonijiet u negozji għal finijiet ta' micro targeting tal-individwi. Li huwa ċar hu li dawn l-għodod jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-privatezza tan-nies. Huwa importanti li jkun hemm trasparenza akbar u ġenwina dwar l-użu ta' tali tekniki biex jiġi żgurat li n-nies ikollhom kontroll fuq id-*data* tagħhom stess u li tiġi osservata l-liġi. Meta l-għan għall-użu ta' dawn it-tekniki jkun relatat mal-proċess demokratiku, l-argument favur standards għolja ta' trasparenza jkun b'saħħtu ħafna*”. L-importanza ta' integrazzjoni aqwa tal-kunsiderazzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-qafas regolatorju usa' li jirregola l-elezzjonijiet hija enfasizzata wkoll.

⁵ Fi ħdan il-qafas tal-liġi tal-UE u l-obbligi internazzjonali tagħhom.

⁶ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Regġuni - Rapport dwar l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2014 (COM(2015) 206 final).

jiġi promoss ambjent onlajn iktar sikur permezz ta' żieda fir-reżiljenza globali tagħna għat-theddid ċibernetiku, inkluż id-diżinformazzjoni onlajn u l-manipulazzjoni tal-imgħiba.

Huwa importanti li jkun hemm kemm jista' jkun ċarezza dwar kif għandhom jiġu implimentati r-regoli Ewropej għall-ħarsien tad-*data* f'dan il-kuntest ġdid, filwaqt li bl-istess mod jeħtieġ li nżidu l-isforzi tagħna biex jiżdied l-għarfien, it-trasparenza u s-sigurtà. Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw min qiegħed ikellimhom permezz tal-messaġġi politiċi u tar-reklamar, u min qiegħed iħallas għar-reklamar politiku jew għall-messaġġi politiċi. Gwida dwar l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej għandha tikkontribwixxi għal aktar ċarezza u fehim aħjar, kif ukoll aktar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, u flimkien ma' oħrajn tikkontribwixxi għal aktar sigurtà.

Il-pakkett għat-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika ppreżentat flimkien ma' din il-Komunikazzjoni jinkludi miżuri bbilanċjati, komprensivi u mmirati biex jappoġġaw l-integrità u t-tmexxija effettiva tal-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew. Din hija responsabbiltà konġunta tal-atturi kollha involuti fil-proċess elettorali. Hija teħtieġ superviżjoni kostanti u adattament flessibbli għal ambjent dinamiku u żviluppi teknoloġiċi ġodda. Bl-għoti ta' gwidi, rakkomandazzjonijiet u l-għodda meħtieġa, il-partiti politiċi Ewropej u nazzjonali, il-gvernijiet nazzjonali, l-entitajiet privati u l-partijiet ikkonċernati jistgħu jaħdmu flimkien b'ċarezza akbar fil-ħolqien ta' ambjent demokratiku u aktar sikur u b'kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll japplikaw il-prinċipji għal elezzjonijiet u referenda oħra li jorganizzaw fuq livell nazzjonali.

Il-miżuri proposti f'dan il-pakkett jimmiraw li:

1. Jipprovdu gwida speċifika dwar l-ipproċessar ta' *data* personali fl-elezzjonijiet;
2. Jirrakkomandaw l-aħjar Prattiki għall-indirizzar ta' riskji bħad-diżinformazzjoni u l-attakki ċibernetiċi u jippromwovu trasparenza onlajn u responsabbiltà fil-proċess elettorali tal-UE; u jtejbju l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, u jkollhom għodda li jħalluhom jintervjenu u meta jkun meħtieġ jintroduċu sanzjonijiet biex jissalvagwardjaw l-integrità tal-proċess elettorali.
3. Jindirizzaw sitwazzjonijiet li fihom il-partiti politiċi jew fondazzjonijiet assoċjati jibbenefikaw minn Prattiki li jiksru r-regoli tal-protezzjoni tad-*data*, biex b'mod deliberat jinfluwenzaw jew jippruvaw jinfluwenzaw l-eżitu tal-elezzjonijiet Ewropej.

Bil-preżentazzjoni ta' dan il-pakkett, il-Kummissjoni qed tieħu ħsieb li tevita piżijiet amministrattivi żejda u li tillimita b'mod mhux xieraq il-marġni ta' manuvra għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi nazzjonali, reġjonali u Ewropej.

1. Difiżi attwali tal-UE biex tiproteġi elezzjonijiet liberi u ġusti

L-Unjoni diġà ħadet passi importanti biex tħares l-integrità tal-elezzjonijiet u biex issaħħaħ il-proċess demokratiku.

Peress li r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR)⁷ huwa direttament applikabbli fl-Unjoni mill-25 ta' Mejju 2018, l-Unjoni Ewropea issa hija mgħammra sew biex tgħin tipprevjeni u tindirizza każijiet ta' użu illegali tad-*data* personali. L-Unjoni Ewropea tistabbilixxi l-istandards f'dan il-qasam.

Barra minn hekk, l-att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew ġie emendat dan l-aħħar, anke biex jipprovdi għal aktar trasparenza fil-proċess elettoralu Ewropew⁸. Ir-Regolament rivedut dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej⁹, adottat fit-3 ta' Mejju 2018, iżid ir-rikonoxximent, l-effettività, it-trasparenza u r-responsabilità tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/234¹⁰ tenfasizza l-passi ewlenin biex tkompli titjeb it-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet 2019 għall-Parlament Ewropew.

Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika¹¹) tapplika għal komunikazzjonijiet mhux solleċitati għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta, inkluż il-messaġġi politiċi mill-partiti politiċi u atturi oħra involuti fil-proċess politiku. Id-Direttiva tiżgura wkoll il-kunfidenzjalità u ttiproteġi informazzjoni maħżuna fuq it-tagħmir terminali tal-utent, bħal smartphone jew kompjuter¹². Ir-Regolament propost dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi¹³, li qed jiġi nnegozjat attwalment, se jkompli jsaħħaħ il-kontroll taċ-ċittadini billi jsaħħaħ it-trasparenza u jwessa' l-kamp ta' protezzjoni lil hinn minn operaturi tat-telekomunikazzjoni tradizzjonali biex jinkludi s-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika bbażati fuq l-internet.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni dan l-aħħar ressqet approċċ Ewropew biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni onlajn fil-Komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' April 2018¹⁴. Permezz ta' din il-Komunikazzjoni l-Kummissjoni tfittex li tippromwovi ambjent onlajn iktar trasparenti, ta'

⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994 tat-13 ta' Lulju 2018 li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/TXT/?uri=CELEX:32018D0994&qid=1531826494620>).

⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

¹⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/234 tal-14 ta' Frar 2018 rigward it-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet 2019 għall-Parlament Ewropew (ĠU L 45, 17.2.2018, p. 40).

¹¹ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

¹² Il-kunsens tal-utent huwa meħtieġ qabel ma sit elettroniku jkun jista' jaċċessa tali informazzjoni jew isegwi l-imġiba onlajn tal-utent, bħal pereżempju billi jaħżen cookies fuq l-apparat tal-utent.

¹³ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni ta' *data* personali f'komunikazzjoni elettronika u li jħassar id-Direttiva 2002/58/KE (ir-Regolament dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika), COM (2017) 10 final.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: approċċ Ewropew (COM(2018) 236 final).

min jafdah u responsabbli. Wieħed mir-riżultati tanġibbli ewlenin tiegħu huwa l-iżvilupp ta' **Kodiċi ta' Prattika** ambizzjuż **dwar id-Diżinformazzjoni** li b'mod partikolari għandu jimpenja lill-pjattaformi onlajn u lill-industrija tar-reklamar biex jiżguraw it-trasparenza u jillimitaw l-għażliet ta' mira għar-reklamar politiku¹⁵. Il-Kodiċi huwa mistenni li jiġi ppubblikat f'Settembru 2018¹⁶ u għandu jipproduċi riżultati li jistgħu jitkejlu minn Ottubru.

B'mod aktar speċifiku, il-firmatarji tal-Kodiċi ta' Prattika għandhom jaqblu biex iċaħħdu lis-siti elettroniċi "imposturi" u lis-siti elettroniċi li jospitaw kampanji ta' diżinformazzjoni mid-dħul mir-reklamar u jiżguraw trasparenza rigward il-kontenut sponsorjat, b'mod partikolari r-reklamar politiku u dak ibbażat fuq kwistjonijiet, jistabbilixxu sistemi ċari ta' mmarkar u regoli għall-bots¹⁷ biex jaraw li l-attivitajiet tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu mfixkla mal-interazzjonijiet umani u jintensifikaw l-isforzi biex jagħlqu l-kontenut foloz. Jenħtieġ li l-firmatarji jaqblu wkoll li jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-kontenut mill-utent billi jħeġġu l-iżvilupp ta' indikaturi ta' affidabbiltà tas-sorsi tal-kontenut, inaqqsu l-viżibbiltà tad-diżinformazzjoni permezz tat-titjib fit-tiftix għal kontenut affidabbli u jipprovdu lill-utenti b'informazzjoni dwar il-prijoritizzazzjoni tal-kontenut bl-algoritmi. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-firmatarji jipprovdu lill-organizzazzjonijiet u lill-akkademja affidabbli li jivverifikaw il-fatti b'aċċess għal pjattaforma tad-*data*. Valutazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika se tkun parti mill-ħidma lejn pjan ta' azzjoni bi proposti speċifiċi għal rispons tal-UE kkoordinat għall-isfida ta' diżinformazzjoni, biex tiġi ppreżentata mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli qabel l-aħħar tas-sena.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-inċidenti ċibernetiċi aktar "tradizzjonali", bħalma huwa l-hacking fis-sistemi tal-IT jew it-tgħarriq ta' sit elettroniku, id-definizzjonijiet ta' reati u l-livelli minimi u massimi tal-pieni għal attacchi kontra sistema ta' informazzjoni ġew armonizzati fil-livell tal-Unjoni Ewropea bid-Direttiva 2013/40/UE dwar l-Attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni.

Il-Grupp ta' Kooperazzjoni stabbilit skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, identifika iċ-ċibersigurtà tal-elezzjonijiet bħala sfida komuni. Dan il-Grupp ta' Kooperazzjoni, li huwa ffurmat mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli għaċ-ċibersigurtà, il-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni ("ENISA") ħolqu mappa tal-inizjattivi nazzjonali eżistenti dwar iċ-ċibersigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni użati għall-elezzjonijiet. Il-Grupp identifika riskji assoċjati ma' livell insuffiċjenti ta' ċibersigurtà li potenzjalment jista' jaffettwa l-elezzjonijiet li jmiss għall-Parlament Ewropew u fassal kompandju dwar iċ-

¹⁵ Biex tipprepara dan il-Kodiċi ta' Prattika, il-Kummissjoni sejħet forum f'Mejju 2018, li jikkonsisti minn "Grupp ta' Ħidma (kompost mill-pjattaformi onlajn ewlenin u r-rappreżentanti tal-industrija tar-reklamar u entitajiet ta' reklamar ewlenin) u "Bord ta' Diskussjoni" (Sounding Board) (iffurmat minn rappreżentanti tal-midja u s-soċjetà ċivili).

¹⁶ Wara li l-Bord ta' Diskussjoni jkun ta l-opinjoni tiegħu.

¹⁷ Bots jinkludu postings awtomatizzati fuq pjattaformi ta' midja soċjali u aktar applikazzjonijiet interattivi bħal chatbots, li jaġixxu direttament mal-utenti.

¹⁸ Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

Ċibersigurtà tat-Teknoloġija Elettorali, inkluż miżuri tekniċi u organizzattivi abbażi tal-esperjenza u tal-aħjar prattiki. Il-Kompendju jipprovdi gwida prattika għall-awtoritajiet taċ-ċibersigurtà u l-korpi tal-ġestjoni elettorali.

2. Insaħħu aktar ir-reżiljenza demokratika: intejbu n-netwerks ta' kooperazzjoni għall-elezzjonijiet, it-trasparenza onlajn, il-protezzjoni mill-inċidenti ċibernetiċi u l-ġlieda kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew

Minħabba l-kobor tal-problema, u minħabba li r-responsabbiltajiet formali f'dan il-qasam huma maqsuma bejn diversi awtoritajiet, riżultati sinifikanti jinkisbu biss jekk l-atturi rilevanti kollha jaħdmu flimkien.

Din il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn Rakkomandazzjoni dwar in-netwerks ta' kooperazzjoni għall-elezzjonijiet, it-trasparenza onlajn, il-protezzjoni kontra l-inċidenti ċibernetiċi u l-ġlieda kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Sabiex tiżgura elezzjonijiet liberi u ġusti jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tiġi implimentata mill-atturi kollha fi żmien utli għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Fir-Rakkomandazzjoni, inħeġġu lil kull Stat Membru biex jistabbilixxi u jappoġġa netwerk nazzjonali għall-elezzjonijiet. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri b'kompetenzi fi kwistjonijiet elettorali jikkooperaw mal-awtoritajiet f'oqsma konnessi (bħal awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, ir-regolaturi tal-midja, l-awtoritajiet taċ-ċibersigurtà eċċ) fil-ħin u b'mod effettiv. Meta jkun hemm bżonn, jenħtieġ li jaħdmu wkoll mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. B'hekk ikunu jistgħu jidentifikaw malajr theddid potenzjali għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u jeżegwixxu malajr ir-regoli eżistenti, inkluż sanzjonijiet finanzjarji disponibbli, bħar-rimborż tal-kontribuzzjoni pubblika. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE għandha tiġi rrispettata. F'din il-perspettiva, il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jippromwovu, f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, il-qsim ta' informazzjoni mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* lill-awtoritajiet inkarigati mill-monitoraġġ tal-elezzjonijiet u l-monitoraġġ tal-attivitajiet u tal-finanzjament tal-partiti politiċi fejn ikun jidher mid-deċiżjonijiet tagħhom, jew fejn hemm raġunijiet raġonevoli oħra biex wieħed jemmen li ksur ikun marbut mal-attivitajiet politiċi minn partiti politiċi nazzjonali jew fondazzjonijiet fil-kuntest ta' elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Huwa rakkomandat ukoll li l-Istati Membri jaħtru punti ta' kuntatt biex jieħdu sehem f'network ta' kooperazzjoni Ewropea għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni se tappoġġa dawn in-netwerks ta' kooperazzjoni billi torganizza l-ewwel laqgħa tal-punti ta' kuntatt maħtura f'Jannar 2019. Filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali u r-rekwiżiti proċedurali applikabbli għall-awtoritajiet nazzjonali, dan il-forum se jipprovdi n-nukleu għal proċess ta' twissija Ewropew f'ħin reali u għal forum għall-iskambju ta' informazzjoni u prattiki fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

Il-partiti politiċi, il-fondazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet għandhom bżonn jiggarrantixxu prattiki trasparenti fil-komunikazzjonijiet politiċi tagħhom liċ-ċittadini u jiżguraw li l-proċess elettorali Ewropew ma jiġix imxekkel minn prattiki inġusti. Il-Kummissjoni tippreżenta miżuri konkreti biex issaħħaħ it-trasparenza sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jaraw min qed imexxi l-komunikazzjoni politika li jirċievu u min qed iħallas għaliha¹⁹. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw u jiffaċilitaw din it-trasparenza u l-isforzi tal-awtoritajiet kompetenti fil-monitoraġġ tal-ksur u l-infurzar tar-regoli inkluż bl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet fejn meħtieġ. Fejn ikun rilevanti, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li jkunu involuti wkoll biex jiġi żgurat rispons xieraq għall-inċidenti u l-applikazzjoni ta' pieni xierqa²⁰.

Ir-reżiljenza, id-deterrenza u d-difiża huma essenzjali biex tinbena ċibersigurtà b'saħħitha għall-Unjoni Ewropea²¹. L-awtoritajiet kompetenti Ewropej u daww nazzjonali, il-partiti politiċi, il-fondazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kampanji jenħtieġ li jkunu konxji tar-riskji għall-elezzjonijiet tas-sena d-dieħla u jiskjeraw l-isforzi xierqa biex jipproteġu n-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni tagħhom²².

3. L-applikazzjoni tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* fil-proċess elettorali

Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)²³, li sar direttament applikabbli madwar l-Unjoni fil-25 ta' Mejju 2018, jagħti lill-Unjoni l-għodda meħtieġa biex tindirizza s-sitwazzjonijiet ta' użu illegali tad-*data* personali fil-kuntest elettorali.

Minħabba li se tkun l-ewwel darba li se jiġu applikati fil-kuntest elettorali Ewropew fl-okkażjoni tal-elezzjonijiet li jmiss għall-Parlament Ewropew, huwa importanti għall-atturi

¹⁹ Dawn il-proposti huma kumplimentari mal-Kodiċi ta' Prattika li qiegħed jiġi elaborat mill-Forum ta' bosta partijiet ikkonċernati mlaqqa' mill-Kummissjoni wara l-Komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' April 2018 dwar d-diżinformazzjoni onlajn.

²⁰ Dan jikkonċerna b'mod partikolari każijiet fejn il-proċess elettorali jisfa fil-mira ta' ħsieb malizzjuż, inkluż inċidenti bbażati fuq attacki kontra s-sistemi ta' informazzjoni. Skont iċ-ċirkostanzi, jistgħu jkunu xierqa investigazzjonijiet kriminali li jistgħu jwasslu għal pieni kriminali. Kif innotat hawn fuq, id-definizzjonijiet ta' reati u l-livelli massimi minimi tal-pieni għal attacki kontra sistema ta' informazzjoni ġew armonizzati bid-Direttiva 2013/40/UE.

²¹ Il-Komunikazzjoni Konġunta ta' Settembru 2017 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-ħtieġa għal rispons komprensiv biex tinbena ċibersigurtà b'saħħitha tal-Unjoni li tkun ibbażata fuq ir-reżiljenza, id-deterrenza u d-difiża, JOIN(2017) 450 final.

²² Il-Kompendju żviluppat mill-Grupp ta' Koperazzjoni stabbilit mid-Direttiva (UE) 2016/1148 jagħti gwida utli f'dan ir-rigward. Id-Direttiva (UE) 2016/1148 għandha l-għan li tikseb livell komuni għoli ta' reżiljenza taċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni. Sabiex tilħaq dan l-għan, id-Direttiva tappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà nazzjonali u l-protezzjoni tal-forniment ta' servizzi essenzjali f'setturi ewlenin. Sabiex issaħħaħ l-isforzi lejn implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva, il-Kummissjoni qiegħda ttiprovdi aktar minn EUR 50 miljun f'finanzjament sal-2020 permezz tal-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE). Il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju tad-Direttiva (UE) 2016/1148 huma parametri referenzjarji rilevanti għall-proċess elettorali. Il-GDPR jipprevedi wkoll obbligi ta' implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jiġi żgurat livell ta' sigurtà għad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata. Huwa japplika għall-atturi kollha involuti fil-proċess elettorali u fih ukoll obbligu ta' komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lill-awtoritajiet kompetenti tal-protezzjoni tad-*data* u lill-individwi kkonċernati (ara l-gwida maħruġa mill-Kummissjoni).

²³ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

kollha involuti fil-proċessi elettorali — bħalma huma l-awtoritajiet elettorali nazzjonali, il-partiti politiċi, is-sensara tad-*data* u l-analisti, il-pjattaformi tal-midja soċjali u n-netwerks tar-riklami onlajn - biex jifhmu b'mod ċar liema hu l-aħjar mod kif wieħed japplika dawn ir-regoli u x'inhom u x'mhuwiex permess minnhom.

Il-Kummissjoni għalhekk ħejjiet gwida speċifika biex tenfasizza l-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* rilevanti fil-kuntest elettorali. Sabiex jiġġieldu t-tentattivi malizzjużi ta' abbuż tad-*data* tan-nies, b'mod partikolari għall-għanijiet ta' micro-targeting, l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data*, bħala eżekutori tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, iridu jużaw is-setgħat imsaħħa kollha tagħhom biex jindirizzaw ksur possibbli.

4. It-tisħiħ tar-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropei

Il-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet huma tabilħaqq l-atturi ewlenin fl-elezzjonijiet. Huma jikkompetu għall-voti tal-elettorat permezz tal-kampanji tagħhom. Biex ikun hemm kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ndaqs, u biex jiġu protetti l-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet kollha minn imġiba ħażina huwa essenzjali li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn kwalunkwe wieħed mill-partiti jista' jibbenefika minn Prattiki illegali li jiksru r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Dawk li jiksru mhux biss il-privatezza tan-nies, iżda li jistgħu potenzjalment jinfluwenzaw ukoll l-eżitu tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, għandhom iġarrbu sanzjoni. Flimkien ma' sejħa lill-Istati Membri biex japplikaw dawn is-sanzjonijiet għall-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet fuq livell nazzjonali fejn xieraq, il-Kummissjoni qed tipprova li tintroduċi emenda mmirata għar-Regolament (UE) Nru 1141/2014 biex jipprevedi sanzjonijiet xierqa f'każijiet li jinvolvu l-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet fuq livell Ewropew. Din l-emenda, li ssaħħaħ ir-regoli eżistenti, għandha l-għan li tiżgura li l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jinżammu skont regoli demokratiċi b'saħħithom u b'rispett sħiħ lejn il-valuri li l-Unjoni hija bbażata fuqhom, b'mod partikolari d-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jaraw li dawk il-bidliet iffokati jidħlu fis-seħħ qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019.

5. Konklużjonijiet

L-avvenimenti reċenti wrew li r-riskji ta' manipulazzjoni tal-proċess elettorali, sew jekk permezz ta' attacchi fuq is-sistemi tal-informazzjoni, użu ħażin tad-*data* personali jew Prattiki mċajprin, huma reali u serji. L-UE mhix protetta għalkollox. L-attivitajiet onlajn fil-kuntest elettorali jippreżentaw theddida ġdida u jeħtieġu protezzjoni speċifika. Aħna naqdu liċ-ċittadini u d-demokrazija l-aħjar billi nħejju ruħna minn issa. Ma nistgħux nistennew sa wara

L-elezzjonijiet jew ir-referenda biex niskopru dawn l-attivitajiet u nwieġbu għalihom biss dakinhar.

Il-protezzjoni tad-demokrazija fl-Unjoni hija responsabbiltà kondiviża u solenni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Hija wkoll kwistjoni ta' urġenza. L-atturi kollha involuti jridu jżidu l-isforzi tagħhom u jikkooperaw biex jiskoraġġixxu, jipprevjenu u jagħtu sanzjonijiet kontra interferenza malizzjuża fis-sistema elettoral. Il-miżuri mressqa mill-Kummissjoni f'dan il-pakkett jappoġġaw dawn l-isforzi.

Il-Kummissjoni ser tirrapporta wara l-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-pakkett ta' miżuri.

Il-passi li jmiss qabel l-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew

- *Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jaraw li daww il-bidliet iffokati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jidħlu fis-seħħ fil-ħin għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019.*
- *Flimkien mar-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni se tkun qed tappoġġa t-tnejn ta' risponsi komuni Ewropej biex tindirizza kull intereferenza barranija fl-elezzjonijiet fl-Unjoni Ewropea²⁴. Bħala segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018 se jippreżentaw, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, pjan ta' azzjoni sa Diċembru 2018 bi proposti speċifiċi għal rispons koordinat tal-UE għall-isfida ta' diżinformazzjoni.*
- *Il-Kummissjoni se tqajjem kuxjenza u żżomm id-djalogu tagħha mal-awtoritajiet tal-Istati Membri permezz ta' konferenza ta' livell għoli dwar theddid bl-użu ta' ċibernetika għall-elezzjonijiet fil-15 u s-16 ta' Ottubru 2018, bl-eżitu tagħha jintuża fil-Kollokju dwar id-Drittijiet Fundamentali li jmiss (26 u 27 ta' Novembru 2018), iffukat fuq "Id-Demokrazija fl-Unjoni Ewropea".*

²⁴ Dan jista' jinkludi wkoll l-użu ta' miżuri żviluppati fil-kuntest tal-Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi.